**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/20**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 6 ta' April 2020 |
| **Ħin:** | 5:30pm |
| **Post:** | *Skype Application* \| Covid-19 \| Direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **04.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **04.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **04.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **04.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **04.07** | **Kuntratti - 01/20 Contracts Manager; 02/20 Ħitan tas-Sejjiegħ;** |
| **04.08** | **Sitwazzjoni Preżenti minħabba Covid-19;** |
| **04.09** | **Proġett Misraħ Carlo Diacono;** |
| **04.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **04.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **04.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

Is Sindku fetħet il-laqgħa billi qalet illi minħabba ċ-ċirkostanzi li ninsabu fihom konsegwenza tal-Covid-19, din kienet l-ewwel laqgħa tal-kunsill li qed issir online, fuq struzzjonijiet mid-dipartiment. Elenkat xi tibdil li kien qed isir minn ġurnata għall-oħra fosthom li l-istaff kien qed jaħdem *remotely* fuq roster u konna qegħdin fi stadju li ninstallaw sistema adekwata sabiex f'każ ta' *lockdown* totali nkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin bix-xogħol tal-kunsill.

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 03/20 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| #### ### 4 | | | | |
| 04. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2 5 | 03. 02. 01 | Chircop: Titlu EDEN | It-titlu tal-EDEN spiċċa ma ngħatax mill-Ministeru għat-Turiżmu fit-18 ta' Marzu minħabba l-imxija tal-Covid-19, dwar dan tħassret ukoll iċ-ċeremonja uffiċjali li kienet ser issir fi Brussell. Issa naraw meta se jingħata. | Chircop |
| 04. 2 6 | 03.02.10 | Chircop: tabelli għal Għaqdiet | Dawn it-tabelli tal-għaqdiet fuq il-perspex kienu se jiġu għoljin biex tagħmel għal 18-il għaqda, u minflok se nkunu qed nagħtuhom plakka tar-ram waqt iċ-ċeremonja ta' Ġieħ iż-Żejtun meta ssir. | Chircop |
| 04. 2 7 | 03.02.03 | Chircop: *Website* | Il-website l-ġdida għall-attivitajiet kulturali ma ġietx imnedija minħabba li l-attivitajiet mill-għaqdiet tħassru u t-turisti ma jistgħux jiġu jżuru ż-Żejtun. Meta jgħaddi kollox għan-normali tiġi mnedija. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 8 | 03.02.04 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Wara kif l-affarijiet kif żviluppaw minħabba l-Covid-19 ġie deċiż li s-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun kellha titħassar mid-19 ta' Marzu, issa titħabbar data oħra meta l-affarijiet imorru għan-normal. Kien kollox lest, b'hekk is-serata kemm tipproċedi b'data oħra. | Chircop |
| 04. | 2 | 9 | 03.05.01 | Chircop: Kappella tas-Salvatur – | Chircop qal li ltaqa' mal-perita fejn sar l-*xray laser* u bdew il-proċess ta' kif għandu jsir ir-restawr. Fosthom se jaraw li jitneħħew il-wires minn mal-kappella. L-apperturi ma kienux inklużi fir-restawr iżda meta tkellem magħha ppruvat tara x'tiranġa u nhar il-31 ta' Marzu iltaqgħet ma min jittratta l-injam u dawn se jkunu qed isiru wkoll. | Chircop |
| 04. | 2 | 10 | 03.06.02 | Chircop: Mixja minn Xir Camini | Fit-8 ta' Marzu sar tour mar-Raħal ta' Fuq u ċ-Ċentru taż-Żejtun, fejn attendew ukoll il-membri ta' Xir Camini, fejn attendew madwar 80 ruħ. Wara saret mixja wkoll lejn Delimara. Fil-15 ta' Marzu kienet ser issir il-Mixja ta' San Girgor, mill-Imdina għaż-Żejtun, iżda din kellha titħassar għal data oħra minħabba l-Covid-19. | Chircop |
| 04. | 2 | 11 | 03.06.04 | Chircop: Konkors Letterarju | Il-ġurija għaddew il-punti tagħhom dwar il-kitbiet li kien hemm. Il-kitbiet ġew miktuba f'żewġ ktejbiet oħra mis-sensiela 'Kulħadd Xogħlu Jgħoġbu', iżda dawn se jibqa' kollox mistur sa kemm titella' s-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun, għax inkella nitilfu l-iskop tal-Konkors. | Chircop |
| 04. | 2 | 12 | 03.07.01 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Il-persuni nominati għal Ġieħ iż-Żejtun u r-rikonoxximenti l-oħra kollha ġew infurmati b'dawn l-unuri u kollha laqgħu l-unur b'entużjażmu u ringrazzjament lejn il-Kunsill ta' dan l-unur. Kollha kemm huma wkoll fehmu li minħabba ċ-ċirkostanzi ta' bħalissa kollox se jkollu jiġi pospost. Irringrazzja lil kull min kien involut f'Ġieħ iż-Żejtun u fl-aħħar mument ħasru kollox bla problemi. | Chircop |
| 04. | 2 | 13 | 03.02.07 | Fenech: Reġistrazzjoni għall-Għoti tal-Organi | Fenech qalet li għalissa din ġiet miżmuma pendenti sakemm jgħaddi dan il-perjodu . Din tgħodd għal kull attivita' bħal laqgħat tas-saħħa ecc. | Fenech |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku resqet għad-diskussjoni dwar jekk Żejt iż-Żejtun għandux jiġi kkanċellat għal din is-sena peress li diġa tħassru l-festi kollha għas-Sajf kif ukoll avvenimenti kbar oħra. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tittieħed deċizzjoni finali għal Mejju wara li l-opinjoni ta' kulħadd huwa li dan jitħassar peress li hemm il-bżonn li jekk ikun peremssibli li jsir xorta l-konkorrenza tan-nies tkun waħda baxxa. | Viċi-Sindku |
| 04 | 3 | 2 | | Viċi-Sindku: Manuċċa u Kids Club | Il-Viċi-Sindku qalet li l-ħaddiema tal-Manuċċa ħadmu sat-13 ta' Marzu pero ser jitħallsu sal -aħħar ta' Marzu u qedha f'kuntatt magħhom sabiex jiġu mgħarrfa dwar dak kollu li qed jiġri. Il-Kids Club twaqqaf u bagħqet f'kuntatt mat-tfal permezz tal-midja soċjali. Is-Sindku qalet li żammet kuntatt mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Onor Owen Bonnici dwar il-ħlasijiet dovuti lill-Manuċċa Child Day Care Centre fejn qal li ser isir il-ħlas sal-aħħar ta' Marzu u li ser ninżammu nfurmati fuq il-ħlasijiet l-oħra iktar il-quddiem. | Viċi-Sindku / Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 3 | | Viċi-Sindku: *feeders* tal-qtates | Agius staqsiet dwar l-informazzjoni li qedha tintgħalab. Fenech qalet li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab li tinġabar din l-informazzjoni sabiex jiġu identifikati min huma u f'każ li jkun hawn lockdown dawn ikunu jistgħu jitħallew joħorġu sabiex jagħlfu l-annimali. | Fenech |
| 04 | 3 | 4 | | Chircop: Niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li saret ċerimonja qasira fejn inkixfet il-plakka ta' Solidata' ta' San Ġużepp peress li ċ-ċerimonja pjanata kellha tiġi kkanċellata. Qal ukoll li l-plakka tal-Kunsill għad trid issir u titwaħħal. Żied ukoll li jrid jitkellem mal-perita sabiex isir il-bastun ta' San Ġużepp. | Sindku / Chircop |
| 04 | 3 | 5 | | Chircop: Ċerimonja tat-tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | Chircop qal li din iċ-ċerimonja qasira tista' ssir billi titqiegħed il-kuruna fuq il-monument. | Chircop |
| 04 | 3 | 6 | | Fenech: għajnuna waqt l-imxija tal-Covid-19 | Fenech qalet li bħalissa qed jinġabru dettalji tal-azjendi li qed jagħmlu deliveries fid-djar sabiex inkunu nistgħu ngħinu lir-residenti bl-aħjar mod possibli billi nipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja. Qalet ukoll li qed jitwaqqaf tim ta' voluntiera sabiex jgħinu f'din il-ħidma u jkunu jistgħu jwasslu bżonnijiet lil nies vulnerabbli. Fenech qalet li għandha ssir talba lil operaturi tat-telefonija sabiex ineħħu l-penali jekk jitħallsu l-kontijiet tard. | Fenech |
| 04 | 3 | 7 | | Sindku: *Memorandum of Understanding* | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Memorandum of Understanding mal-M.U.Y.A sar. | Sindku |
| 04 | 3 | 8 | | Sindku: Platform Covid-19 | Is-Sindku qalet lil l-A.K.L. ngħediet platform fuq il-midja soċjali YouSafe Żejtun sabiex tkun ta' għajnuna għar-residenti fejn fiha qed titella' ħafna informazzjoni dwar il-Covid-19 u t-tibdiliet li ġabet magħha din il-pandemija. Talbet ukoll li jkun hemm aktar parteċipazzjoni mill-kunsilliera. Talbet ukoll li jkun hemm aktar parteċipazzjoni minn naħa tal-kunsilliera. | Sindku |
| 04 | 3 | 9 | 15 | Baldacchino: Permess għal reserved parking | Baldacchino qali li ser tiġi kkontestata peress li kien hemm dokumenti neqsien meta saret l-applikazzjoni. | Baldacchino |
| 04 | 3 | 10 | 22 | Għaqda Mużikali Beland: Beland Music Festival | Dan il-festival ġie kkanċellat minħabba l-Covid-19. Caruana Ray qal li ħarġu stqarrija min-naħa tal-Għaqda dwar dan. | |
| **04.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 4 | 1 | | Baldacchino: Niċċa ta' San Ġużepp | Baldacchino ġibed l-attenzjoni sabiex isir ilqugħ peress li l-karozza qed jipparkjaw quddiem il-bieb li jinsab taħt in-niċċa u qed isir ħsara fuq il-proġett li għadu kif tlesta. | Sindku |
| 04. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: Ġbir ta' Skart | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jekk hux ser taffetwana fil-ġbir tal-iskart, pero għalissa mhux ser jinbidel u mhux ser jiġi affetwat. | Viċi-Sindku |
| 04. | 4 | 3 | | Camilleri D: Xogħolijiet fi Triq il-Qadi u Triq l-Isqof Emm. Galea | Camilleri staqsiet dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku qalet li l-Enemalta bħalissa qed jagħmlu t-trinek għad dawl u l-WSC il-house connections u wara jingħata t-tarmak. | Sindku |
| **04.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 5 | 1 | | Sindku: Tisbiħ ta' Ġonna | Is-Sindku qalet li għalkemm bħalissa hawn il-problemi bil-pandemija, x-xogħol tal-Kunsill xorta baqa' għaddej sabiex isir it-tisbiħ tal-Ġonna l-Għannejja Żwieten, Brejġu u Ċrieki. | Sindku |
| 4 | 5 | 2 | | Sindku: Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li ser nippruvaw nagħtu wiċċ ġdid il-biċċa pjazza miftuħa. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 4 5 3 | | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li hemm il-ħsieb li jsir *Outdoor Gym* u *artificial turf*. Ser ikollna l-għajnuna mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex dan ix-xogħol isir. | Sindku |
| 4 5 4 | | Camilleri D: Gazebo fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Camilleri staqsiet dwar fiex wasal ix-xogħol fuq il-Gazebo. Is-Sindku qalet li kien hemm problema sabiex jitħallas il-kuntrattur. Bħalissa qed isir xogħol ta' preparazzjoni għad dawl, siġar, Gazebo u CCTV kif ukoll loġistika sabiex il-materjal jinġieb mill-Italja. | Sindku |

**04. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Fenech: *Blood Donation Unit* | Feneh qalet li l-għoti tad-demm jibqa' importanti u għalehkk ser jinġieb il-*Blood Mobile Donation Unit* fi Pjazza Girgor Bonici fid-19 ta' April bejn it-8am u s-1.00pm. | Fenech |

***04. 7. Kuntratti - 01/20 Contracts Manager; 02/20 Ħitan tas-Sejjiegħ;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv: *Contracts Manager* | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellna erbgħa offerti li jvarjaw bejn €60,000 u €84,000 għal erbgħa snin. Dawn bħalissa qed jiġu evalwati. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 7 2 | | Segretarju Eżekuttiv: Ħitan tas-Sejjieħ | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew sottomessi sitt tenders li jvarjaw bejn €194,000 u €350,000. Dawn bħalissa qed jiġu evalwati. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 8. Sitwazzjoni Preżenti minħabba Covid-19;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li minħabba l-imxija tal-Covid-19 ġew magħluqa l-ġonna, twaħħlu noti mal-bankijiet sabiex ma jintużawx mill-pubbliku. Ingħalqet ukoll il-latrina fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. L-uffiċini tal-Kunsill qed jaħdmu bil-bibien magħluqa, permessi u ħlasijiet oħra qed isir kollox *online.* | Sindku |
| 04. 8. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala dħul tal-Kunsill naqas ħafna peress li naqqsu l-permessi, d-dħul tal-kiosks tal-festa u l-Ġimgħa l-Kbira mhux ser ikollna. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 9. Proġett Misraħ Carlo Diacono;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li x-xogħol għadu għaddej. Kien hemm laqgħa mal-perit fejn ġie miftiehem li għalissa ssir applikazzjoni għall-proġett tar-roundabout biss. Rigward l-*embellishment* tal-madwar għad trid tiġi diskussa mill-Kunsill u jiġu evalwati l-proposti li qed iressqu Transport Malta. | Sindku |

**04. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 11. 3 | | *Petty Cash* - Marzu 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €227.87. | Segretarju Eżekuttiv |

**04 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 12 1 | | | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni | |

**04 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-7.10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju 2020 permezz ta' *Skype Application* fil-5:30pm

fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |